**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 64/2011JVC**

**Paola Grima u Rose Marie Haber**

**Vs**

**Paul Camilleri u b'digriet tal-14 t'Ottubru 2011 is-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu 2009, ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' fil-ghodu (5.45am), waqt li Renzo Grima kien fi triqtu ghall-port tal-Imgarr, Ghajnsielem, isuq il-mutur tieghu tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni IBH-171, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, biex jaqbad il-vapur tas-sitta ta' fil-ghodu (6.00) ghal Malta, fejn kien jahdem bhala suldat, huwa gie rinfaccjat b'emergenza subitanea b'manuvra errata u perikoluza ghall-ahhar li giet adoperata mill-konvenut meta waqt li kien gej isuq il-vettura tieghu tal-ghamla KIA Avella bin-numru ta' registrazzjoni NOV-021 fl-istess triq mid-direzzjoni opposta, kif wasal fl-inkrocju ma' Triq Sant'Indrija, Ghajnsielem, huwa qasam Triq l-Imgarr sabiex jidhol fi Triq Sant'Indrija, li hemm fuq in-naha tal-lemin tieghu, u biex ghamel din il-manuvra huwa kellu jaqsam il-*continuous white line* u minn quddiem il-karreggjata li kien fiha l-attur li kien ghaddej isuq ghad-dritt ghall-vapur, bil-konsegwenza li b'din il-manuvra azzardata l-konvenut imblokka ghal kollox l-karreggjata tas-sewwieq tal-mutur, habat mal-mutur, liema habta kienet wahda frontali u tajjar lil Renzo Grima minn fuq il-mutur ghal diversi metri;

Illi konsegwenza ta' din il-habta Renzo Grima garrab griehi gravi hafna f'rasu li wara gimgha jissielet mal-mewt, huwa tilef hajtu tragikament fit-2 ta' Settembru 2009 [certifikat tal-Mewt markat 'A'] ;

Il-mutur garrab ukoll hsarat estensivi billi l-impatt kien wiehed frontali ;

Illi r-rikorrenti huma l-werrieta legittimi tal-mejjet b'dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 [Rikors numru 67/2009 u Digriet numru 89/2009 markat 'B'] ;

Illi ghal dan l-incident jahti l-konvenut billi kien hu l-kawza prossima u mmedjata tal-habta b'konsegwenzi tragici ;

Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha, u dan permezz ta' tliet ittri ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2009 (Ittra numru 728/09), tas-27 ta' Lulju 2010 (Ittra numru 422/10), u tat-2 ta' Novembru 2010 (Ittra numru 647/10), huwa baqa' inadempjenti ;

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fi Triq lL-Imgarr, Ghajnsielem, fis-27 ta' Awwissu 2009, u ghad-danni kollha li gew sofferti ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta' dan l-incident tragiku li sewa l-mewt ta' Renzo Grima ;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ewwel ittra ufficjali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2009 (Ittra numru 728/09), tas-27 ta' Lulju 2010 (Ittra numru 422/10), u tat-2 ta' Novembru 2010 (Ittra numru 647/10), u dikipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Paul Camilleri li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu debitament respinti stante illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-incident de quo sehh bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Renzo Grima, li safa tragikament vittma tal-incident;

2. Illi l-eccipjenti kien qieghed isuq il-vettura tieghu u meta gie biex jeffettwa manuvra biex minn Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, idur ghal go Triq Sant'Indrija, Ghajnsielem, huwa affronta tali manuvra (a) f'punt fit-triq fejn huwa permess li din issir; (b) b'diligenza u b'attenzjoni, tant li stenna biex vettura niezla minn Triq l-Imgarr faccata tieghu, setghet tghaddi u tinghata l-precedenza kif imiss u (c) wara li ghamel is-senjalazzjonijiet appoziti;

3. Illi l-eccipjenti, la darba affronta u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tal-manuvra tieghu bil-mod fuq indikat, ma ikkreax emergenza subitanea kif allegat fir-Rikors Guramentat *de quo* izda, kif jisa' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kien l-imsemmi Renzo Grima li kien qieghed isuq il-mutur tieghu b'mod illi rrenda u gab lilu nnifsu fl-inkapacita' li jirregola s-sewqan tieghu ghal dak li kien *in plain view*;

4. Illi l-hin tal-incident de quo ma sehhx fil-5.45a.m. kif allegat fir-rikors guramentat imma ezatt qabel is-6.00a.m;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-intervenjenti fil-kawza Thomas Smith Insurance Agency Limited li eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, din il-kawza saret intempestivament stante li s-socjeta' rikorrenti kienet resqet il-proposti taghha, kemm dwar l-apporzjonament tar-responsabbilta' ghall-incident mertu ta' din il-kawza kif ukoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-istess, u kienet ghadha tistenna li l-atturi jaghtuha xi informazzjoni sabiex ikun jista' jitkompla l-process ta'

negozjati ghal soluzzjoni bonarja – mentri, minflok li taw dik ir-risposta, l-atturi qabdu u pprocedew b'din il-kawza;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-responsabbilta' ghall-incident tas-27 ta' Awwissu 2009 ma ghandhiex tigi allokata nterament lil Paul Camilleri, izda ghandha, minflok, tigi apporzjonata bejn l-istess Paul Camilleri u s-sinistrat Renzo Grima, kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni mitlub mill-atturi huwa wiehed esagerat u sporporzjonat ghaliex fuq naha, l-atturi naqsu milli jiehdu inkunsiderazzjoni, fit-talbiet taghhom, diversi fatturi li jimmilitaw sabiex jirriducu d-danni rizarcibbli; u fuq in-naha l-ohra, inkludew, bazi ghall-kalkoli taghhom, ammonti li ma humiex ammissibbli bhala tali, skont gurisprudenza ben stabbilita.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, dokumenti, provi u l-atti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' April, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi Paola Grima u Rose Marie Haber qed jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabbilta' fuq il-konvenut u l-likwidazzjoni u hlas tad-danni in segwitu ghall-incident stradali li sehh fis-27 ta' Awwissu 2009 bejn il-mutur misjuq minn Renzo Grima, iben l-attrici Paola Grima u hu l-attrici l-ohra Rose Marie Haber u l-vettura Kia Avella NOV 021 misjuqa mill-konvenut. Sfortunatament jirrizulta li Renzo Grima konsegwenza tal-griehi gravi li sofra fl-incident, ftit jiem wara l-istess incident tilef hajtu.

Illi l-incident in kwistjoni sehh fi Triq l-Imġarr, Ghajnsielem bejn il-vettura Kia Avella numru NOV 021 misjuqa mill-esponenti Paul Camilleri u l-mutur Honda bin-numru IBH 171. Bejn il-partijiet ma hemmx qbil dwar il-hin li sehh l-incident. Hemm qbil zgur li Renzo Grima kien qed isuq lejn l-Imgarr biex jaqbad il-vapur tas-6.00a.m. filwaqt li Paul Camilleri kien ghadu kif wassal lil martu l-Imgarr ukoll sabiex taqbad l-istess vapur. Skont omm il-vittma Paola Grima (fol. 127), Reno Grima telaq mid-dar fl-Gharb bhas-soltu fil-5.30a.m. filwaqt li l-konvenut jghid ukoll li hu u l-mara hargu l-karozza fil-5.30a.m. mill-garaxx li jinsab f'Ghajnsielem u rhewla lejn il-port. Fil-verzjoni moghtija mill-konvenut *a tempo vergine* lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini dwar il-hin huwa jghid hekk:

'Ghax kien ghadu ftit id-dlam, dak il-hin, fis-sitta neqsin kwart ta' filghodu (5.45a.m.).'

Jirrizulta kemm mir-rapport tal-pulizija kif ukoll mix-xhieda tal-istess pulizija fl-atti li l-ewwel telefonati fl-ghassa dwar l-incident dahlu fis-5.55a.m. allura dan neccessarjament ifisser li l-incident ma sehhx dak il-hin izda mill-anqas ftit minuti qabel. Jirrizulta wkoll mill-atti li kien biss ferm wara l-incident, meta giet involuta s-socjeta' ta' assikurazzjoni li beda jigi allegat li l-incident sehh fis-5.55a.m. u dan sabiex jigi argumentat li l-vittma Reno Grima kien qed isuq bi 'speed' ghax kien mghaggel biex jilhaq il-vapur. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta li huwa aktar verosimili li l-incident sehh fis-5.45a.m. kif originarjament dikjarat mill-istess Paul Camilleri u li ftit wara, meta persuni ndunaw bl-incident (ghaliex l-istess Paul Camilleri ma kellux 'mobile' fuqu) saru t-telefonati l-ghassa tal-Pulizija. Tant hu hekk li sakemm waslu l-Pulizija, l-istess Pulizija jixhdu li mmedjatament kienet waslet ukoll l-ambulanza (ara x-xhieda tas-Surgent Anton Schembri a fol. 91 et seq). Dan neccessarjament ifisser li l-incident sehh zgur qabel is-5.55a.m. u jikkontradixxi l-allegazzjoni tal-konvenut.

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-incident sehh gewwa zona hekk imsejha 'built-up residential area' u dakinhar tas-27 ta' Awwissu qabel fil-hin tal-incident kien ghadu d-dlam stante li x-xemx titla' fis-6.30a.m. Dan jista' jigi vverifikat mir-rapport tal-espert tal-Qorti mqabbad mill-Magistat Dr. Edwina Grima, cioe' David Vassallo, fl-atti kriminali li izda gie esebit bhala prova wkoll f'dawn l-atti a fol. 301 et seq tal-process. Mill-atti jirrizulta ampjament pruvat li fil-hin tal-incident iz-zewg vetturi

kellhom id-dawl taghhom mixghul. Dan jikkonfermah ukoll l-espert mekkaniku Joseph Zammit li kien gie nkarigat mill-Magistrat Dr. Paul Coppini fl-atti tal-inkjesta. Ir-rapport tieghu jinsab esebit fl-atti a fol. 51 et seq tal-process.

Mill-atti jirrizulta mhux kontestat li Paul Camilleri kien ghadu kif wassal lil martu sabiex tilhaq il-vapur tas-6.00a.m. lejn Malta. L-Incident sehh waqt li kien qieghed fi triqtu lura lejn id-dar tieghu f'Ghajnsielem liema residenza tinsab fin-naha ta' Triq San Andrea li hija triq li tizbokka fi Triq l-Imġarr fejn appuntu sehh l-incident. A fol. 156 tal-process tinsab esebita pjanta redatta mill-Perit Gordon Vella originarjament fl-atti tal-inkjesta li taghti d-dettalji kollha dwar it-triq in kwistjoni u dwar kif instabu l-vetturi, l-vittma u oggetti ohra tal-vittma. Jirrizulta illi x'hin Paul Camilleri wasal faccata tal-inkrocju bejn Triq San Andrea u Triq l-Imgarr, huwa xeghel l-'indicator' biex juri l-intenzjoni tieghu li ser idur fuq il-lemin tieghu. Skont il-versjoni moghtija mill-istess Paul Camilleri dak il-hin lill-Pulizija wara li ghamel hekk jghid (fol. 49):

'Kont tiela' insuq biex indur ghal Triq Sant'Indrija u ma nafx minfejn gie l-mutur u hbatna.' (ara rapport tal-pulizija a fol. 36 tal-process'

Fil-verzjoni moghtija minnu stess lill-Magistrat Inkwirenti dakinhar stess fuq il-post (wara li izda kien gia ttiehed l-Isptar ghall-kura li seta' kellu bzonn) huwa xehed kif isegwi:

'Paul Camilleri:
Kont tiela' mix-Xatt ghax mort inwassal lill-mara mal-vapur tas-sitta, ghax hi tahdem Malta, u bhas-soltu gejt fi triqti minn dit-triq ghax id-dar tieghi qeghdha fuq din in-naha. Waqaft fuq dik, fuq dik il-lane, kelli l-indicator ....

Magistrat:
Jigifieri fi Triq l-Imgarr fejn qed isir l-access bhalissa. Sewwa.

Paul Camilleri:
Ehe.

Magistrat:
Int kont se tipprova ddawwar x'imkien?

Paul Camilleri:
Le. Kont waqaft ghax rajt karozza gejja, kelli l-indicators mixghulin ghaddiet il-karozza, u x'hin ghaddiet il-karozza bdejt ha nikser. Fil-fatt il-karozza tidher li qeghdha miksura u kont diga' lhaqt hrigt mil-lane tieghi. U f'daqqa wahda qisha spluzzjoni, u speci l-mutur ma rajtux. Imbaghad dawwart wicci u nsib persuna qeghdha hawnhekk u rajt il-mutur x'hin hrigt mitfugh mal-art.

Magistrat:
Id-dwal tieghek kienu mixghulin tal-karozza.

Paul Camilleri:
Iva. U anke l-indicators. Fil-fatt x'hin hrigt mill-karozza, il-karozza dak il-hin hallejtha mixghula, u l-indicators kien ghadhom mixghulin, u tfewha suppost xi hadd minn tal-pulizija, nimmagina, ghax jien ma tfejthiex. X'hin hrigt hawn barra mbaghad jien kont qieghed bla mobile ma stajtx incempel, waqfu xi karozzi u cemplu huma lil, dawn tal-ambulanza u l-pulizija. Naf li kien hawn xi nies qeghdin mal-ferut kienet fl-art ghax prova jiccaqlaq, prova jqum, u kien hawn xi nies ohra kienu mieghi biex jipprovaw jikkalmawni dak il-hin, imbaghad giet l-ambulanza u tlajna l-isptar.

Magistrat:
Taf tghidli d-dwal tat-triq kinux ghadhom mixghulin dak il-hin, tal-incident?

Paul Camilleri:
Bl-amment, bl-amment ma nafx. M'ghandix idea, bl-amment ma nafx. Imma, jekk ikolli nghid kienu mixghulin, ghax jiena bid-dawl tieghi tal-karozza kien mixghul ukoll. Ghax kien ghadu ftit id-dlam, dak il-hin, fis-sitta neqsin kwart ta' filghodu (5.45a.m.).'

Paul Camilleri rega' xehed fl-atti ta' din il-kawza a fol. 199 tal-process. Din ix-xhieda hija datata 9 ta' Mejju, 2013 cioe' kwazi erba' snin wara l-incident. F'din il-verzjoni moghtija minn Paul Camilleri huwa jbiddel il-verzjonijiet precedenti tieghu billi jsostni li huwa kien ghadu bil-kemm qabad il-lane l-ohra u cioe' dik li kien niezel minnha l-vittma u li kien wieqaf meta sehh l-incident. Isostni wkoll li l-karozza tieghu spiccat kif spiccat wara l-incident cioe' kompletament fil-lane opposta ghaliex, skont hu, mexxiha l-mutur bid-daqqa u cioe' daret. Dwar din il-

kwistjoni saru diversi domandi mill-abbli difensur tal-atturi lill-espert ex parte Mario Buttigieg imressaq mis-socjeta' intervenuta fil-kawza fix-xhieda tieghu a fol. 226 tal-process. Mill-istess xhieda u domandi li saru johrog li huwa l-istess Mario Buttigieg li jgiddeb dak li qed jghid Paul Camilleri f'din it-tielet verzjoni tieghu tant li jikkonferma li l-incident zgur sehh fuq il-'lane' tal-vittma u ghalhekk zgur li l-karozza kienet gia qeghdha kompletament fil-'lane' l-ohra u qed taghlaq il-'flow of traffic' u sabiex ikkonkluda, wara li meta mistoqsi jekk dak li qed jghid il-konvenut jistax ikun minnu, jghid *'u zgur li le'* jaghmel referenza ghall-fatt illi kieku verament il-karozza ta' Paul Camilleri tkaxkret mal-impatt kienet thalli marki tat-'tyres' li ma kienx hemm, kif ukoll hemm diversi ritratti esebiti (ritratti li ttiehdu mill-espert imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti) li kjarament juru l-punt tal-impatt fil-'lane' tal-vittma b'mod partikolari plastik li waqa' ezatt fuq quddiem tal-vettura tal-konvenut fejn instabet wieqfa. Il-Qorti taghmel referenza ghar-ritratti esebiti mill-espert fotografiku Max Xuereb a fol. 139 tal-process b'mod partikolari dawk enumerati 17, 23 u 31. Ix-xhud Mario Buttigieg immarka wkoll fuq parti mill-pjanta a fol. 79 l-'ispot of impact' ezatt quddiem il-vettura tal-konvenut kif instabet wieqfa. Dan igiddeb ghal kollox l-ahhar verzjoni moghtija mill-konvenut.

Sfortunatament fl-atti hemm nieqsa verzjoni tal-vittma stante li dan mal-incident dahal f'koma u baqa' hekk sakemm gie dikjarat mejjet, ghaldaqstant l-unika verzjoni tal-incident hija dik tal-istess Paul Camilleri. Fl-atti izda, kif gia accennat, gew esebiti numru ta' ritratti dwar kif instabu l-vetturi, il-vittma u oggetti tal-vittma fosthom basket, sandlija u 'crash-helmet' mal-incident fit-triq u li jinsabu esebiti a fol. 139 tal-process. Kif gia accennat ukoll saret pjanta dettaljata ferm tat-triq, tal-vetturi, tal-vittma u l-oggetti a fol. 156. A fol. 51 hemm ukoll esebita r-relazzjoni ta' l-espert imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti cioe' tas-sur Joseph Zammit li dwar dak li kkonstata fuq il-post jikkonkludi kif isegwi:

'3) Illi f'dan l-incident il-motorcycle kien qieghed jinstaq mid-direzzjoni tar-Rabat lejn ix-Xatt tal-Imgarr, Ghawdex, filwaqt li l-karozza kienet qed tinstaq mid-direzzjoni l-opposta.

4)Illi kif il-karozza waslet ma' l-inkrocju ta' Triq San Andrea, dina daret fuq ix-xellug biex tidhol f'din it-triq u b'hekk imblukkat il-karreggjata l-opposta fejn dak il-hin kien qed jinstaq il-motorcycle in kwistjoni.

5) Illi l-motorcycle habat fuq il-partijiet frontali tal-vettura, bis-sewwieq jahbat ma' l-ghatu tal-magna u spicca mtajjar fuq il-genb tax-xellug.

6) Illi l-crash helmet li kien liebes is-sewwieq tal-mutur, ma kellhiex il-qfiel jiffunzjona u f'dan l-incident il-crash helmet hareg minn ras is-sewwieq u tkaxkar ghal distanza ta' 20 metru fil-karreggata tal-lemin.

7) Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq dawn iz-zewg vetturi ma kienx jirrizulta li dan l-incident sehh minhabba xi fault f'xi sistema minn taghha, bhalma huwa xi puncture jew nuqqas ta' dwal, billi dawn kollox instabu jiffunzjonaw, inkluzi l-indicators tal-vettura.

8) Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident gara billi l-karozza, ghalkemm din seta' kellha l-indicator mixghul (billi hekk instab l-iswitch tal-vettura, din il-karozza daret mill-ewwel fi triq San Andrea waqt li l-mutur kien niezel fil-karreggata tieghu u dan bi speed elevat, skont il-hsara li z-zewg vetturi garbu.

9) Illi ma nstabux provi li s-sewwieq tal-mutur applika l-brakes sabiex jigi evitat l-incident.

10) Illi lanqas ma nstabu provi li s-sewwieq tal-karozza applika l-brakes ghall-istess ghan li jevita l-incident.

11) Illi l-brakes taz-zewg vetturi nstabu funzjonabbli.

12) Illi l-esponent ma hux qed jeskludi li l-karozza daret mal-ewwel u tatx cans lill-motorcycle jghaddi l-ewwel skont *ir-right of way.*'

Illi ghalkemm f'din ir-relazzjoni jinghad li l-vittma seta' kien ghaddej b'certu speed, u stante li din hija wahda mill-kontestazzjonijiet tal-konvenut u l-interventuti odjerni, fejn qed isostnu li ghandu jkun hemm element ta' kontribuzzjoni ghall-incident mpost fuq il-vittma, il-Qorti gharblet ir-rapport kollu tas-Sur Joseph Zammit sabiex issib il-bazi ghall-konkluzjoni tieghu li l-vittma kien ghaddej bi *speed* izda ma sabet xejn ghajr dak kontenut fl-istess konkluzjoni cioe' li skont Joseph Zammit in-natura tal-hsara fil-vettura hija evidenza ta' 'speed'.

Jidher fil-fatt illi l-istess diffikulta nqalghet fl-atti kriminali tant li l-Magistrat Dr. Edwina Grima appuntat espert iehor cioe' lil David Vassallo sabiex jirrelata appuntu dwar il-kwistjoni tal-'ispeed' tal-mutur. L-istess espert dahal ukoll fil-kwistjoni dwar il-'crash helmet' u jekk din setghetx kienet fattur li kabbret il-griehi tal-vittma jekk harget minn rasu qabel l-impatt mal-vettura. Il-konkluzjonijiet ta' David Vassallo jinsabu esebiti a fol. 310 et seq tal-process. Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza shiha ghalihom ser tirraporta partijiet minnhom li tqis li huma l-aktar rilevanti kif isegwi:

'Having considered the site plan and scale used and which was prepared by Architect Gordon Vella, in my opinion, Mr Grima was found to have come to rest approximately 8 meters to the Southeast of the Kia Avella following the impact. This distance would suggest the motorcyle was not travelling at high speed prior to the collision. Further, given there is no evidence before me to suggest there were any skid marks on the road surface from either vehicle suggest the Honda was in close proximity to the Kia as it began it turn to enter the side road. Such close proximity would suggest neither driver reacted . . .

Consideration of the above leads me to conclude that the speed of the motorcycle prior to impact is likely to have been in a range of speed of 35 kph to 72 kph. However, I consider the Honda Motorcycle is unlikely to have been travelling at the higher range of speed (75kph) given the close proximity of both vehicle at the respective final resting positions.

In my opinion, a more accurate range of speed for the Honda motorcycle is likely to be in a range of 55-35kph when the collision occurred.

I would also make the observation that both vehicles were reported to have their headlamps illuminated and therefore they were to be seen by the other driver. Further, the evidence would suggest that the rider of the motorcycle did not react and take any avoiding action and therefore must have been in close proximity to the Kia when it began its manoeuver. This would suggest that the driver of the Kia failed to look and see the approaching Honda which would have been in close proximity and there to be seen.'

Ghall-kuntrarju ta' dak suespost, rapport ex parte ta' Mario Buttugieg prezentat mill-intervenuti fil-kawza a fol. 226 et seq (fejn ukoll tela'

jixhed in kontro-ezami) jsostni li skont il-kalkoli tieghu l-vittma kien qed isuq il-mutur bi 'speed' elevat mhux hazin. Jirrizulta izda li din il-konkluzjoni giet kontestata ferm mill-abbli difensur tal-atturi fejn sahansitra tpoggiet fid-dubju l-istess formola wzata u nonostante li ghal diversi drabi Mario Buttigieg gie mharrek sabiex jaghti s-sors tal-formola ezatt uzata minnu sabiex sar il-kalkolu tieghu huwa naqas milli jitla' jixhed. Il-Qorti f'cirkustanzi fejn tqajjmu dubji ragjonevoli fuq il-konkluzjoni ta' Mario Buttigieg, f'cirkustanzi fejn anki gew esebiti diversi nkaratamenti li jqajmu dubju dwar il-formola wzata kif ukoll f'cirkustanzi li espert iehor imqabbad mill-Qorti jikkontradixxi tali konkluzjoni (espert li fl-atti kriminali kien maqbul bejn iz-zewg partijiet), il-Qorti tqis li ghandha timxi mal-konkluzjonijiet raggunti minn David Vassallo u mhux mill-espert ex-parte. Dan nonostante li l-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li anki l-istess David Vassallo ma setax jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex isirilu domandi ulterjuri, ghar-ragunijiet li kien jinsab imsiefer u nuqqas ta' indirizz korrett tieghu, b'dan il-fatt izda xorta ma jxejjinx il-konkluzjonijiet raggunti minnu fir-rapport tieghu fl-atti kriminali.

Il-Qorti f'dawn il-konsiderazzjonijiet qed tiehu wkoll konjizzjoni tal-post fejn instabu l-basket u s-sandlija tal-vittma (madwar 20.5 metru 'l boghod mill-karozza) u l-'crash-helmet' li kienet erba' metri aktar 'il boghod fuq in-naha l-ohra tat-triq (ara xhieda tal-Perit Gordon Vella a fol. 144 et seq), izda tqis li dawn l-oggetti, la darba huma oggetti zghar u hfief, apparti l-'crash-helmet' li hija wkoll fit-tond allura taghti lok li timxi aktar fuq it-tarmak fi triq li hija kemmxejn ghan-nizla, ftit li xejn jistghu jaghtu evidenza cara dwar l-ispeed tal-vittma.

Illi ghalhekk minn dak suespost il-Qorti tqis li l-allegazzjoni tal-konvenut u l-intervenut fil-kawza li l-vittma kkontribwixxa ghall-incident in vista ta' allegat 'speed' elevat li kien qed isuq bih ma gietx sufficjentement pruvata lil din il-Qorti.

Illi element iehor ta' kontribuzzjoni li l-konvenut u l-intervenut fil-kawza qed isostnu li ghandu jigi meqjus minn din il-Qorti huwa l-fatt li l-'crash-helmet' hareg minn ras il-vittma u spicca 24.5 metru 'l boghod mill-vetturi u ghalhekk skonthom ikkontribwixxa ghall-griehi aktar gravi fuq il-vittma li wasslu ghall-mewt tieghu. Illi mill-atti jirrizulta, tista' tghid mhux kontestat lanqas mill-atturi, li l-'crash-helmet' kien difettuz fis-sens li ma kellux il-qafliet appositi sabiex jinghalaq. Dan

ifisser li ghalkemm kien f'ras il-vittma fil-mument li kien qed isuq, dan ma kienx maqful fil-hin li sehh l-incident. In-nuqqas tal-qfiel huwa konfermat mill-espert Joseph Zammi fir-rapport tieghu kif ukoll jidher mir-ritratt tal-istess 'crash-helmet' esebit a fol. 139 tal-process.

Illi l-Qorti rat mill-assjem tal-atti li l-konvenuti qed isostnu li l-'crash-helmet' minn fuq ras il-vittma taret qabel ma huwa habat mal-'wind-screen' tal-vettura misjuqa mill-konvenut b'dana li kienet ras il-vittma li habtet mal-'wind-screen' u wasslet ghall-mewt tieghu. Mix-xhieda tal-esperti patologisti a fol. 189 tal-process ma hemmx dubju li kienu l-griehi li l-vittma garrab internament f'rasu li wasslu ghall-mewt tieghu. Jirrizulta izda minn din l-istess xhieda li l-vittma ma kellu l-ebda griehi fuq barra ta' rasu u wiccu u li l-griehi kienu kollha nterni ghalkemm bhala posizzjoni kienu fuq il-parti ta' quddiem tar-ras bejn l-ghajnejn u l-widnejn. Dan il-fatt izda xejn ma joffri evidenza jew jaghti sapport lill-allegazzjoni tal-konvenut u l-kjamat fil-kawza li l-vittma ma kienx liebes il-'crash-helmet' fil-mument li rasu habtet mal-'wind-screen' anzi pjuttost jista' jevidenzja bil-kontra stante li wiehed jistenna illi li kieku l-wicc jew ir-ras habtet dirett mal-wind-screen, li tkissret, allura mal-wicc jew mar-ras tal-vittma kien ikun hemm mill-anqas evidenza ta' tali mpatt mhux xejn, lanqas farka hgieg jew barxa. Mill-atti gie relatat ukoll (ara rapport ta' Joseph Zammit (fol. 51) u xhieda tas-Surgent Anton Schembri (fol. 91) li fuq il-'crash-helmet' instabu wkoll evidenza ta' tkaxkir ghalkemm ma ssemiet l-ebda evidenza cara ta' daqqa ma' 'wind-screen'. Dan kollu jpoggi dubji serji hafna f'mohh din il-Qorti dwar jekk il-vittma kienx ghadu liebes il-'crash-helmet' fil-mument tal-impatt jew le anzi pjuttost l-evidenza xxaqleb fuq li l-'crash-helmet' kienet ghadha f'rasu mal-impatt u ghalhekk ma kien hemm l-ebda gerha vizibbli fuq barra f'ras il-vittma u nqalghet x'hin gie biex jaqa' jew waqa' mal-art. Il-Qorti tirrileva li din hija Qorti ta' gustizzja bazata fuq l-evidenza u ghalkemm verament din hija Qorti Civili u mhux kriminali, xorta wahda jezisti grad ta' evidenza li jrid jigi sodisfatt u cioe' dak tal-probabbli u f'dan il-kaz il-Qorti tqis li l-probabbilta' xxaqleb favur il-vittma u mhux favur it-tezi tal-konvenuti li qed jallegaw li ma kellux il-'crash-helmet' f'rasu fil-mument tal-incident.

**Konkluzzjoni dwar ir-responsabbilta' tal-incident:**

Illi l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha mressqa quddiemha u in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha sueposti, tasal ghall-

konkluzjoni li r-responsabbilta' shiha tal-incident li sehh fis-27 ta' Awissu, 2009 tinkombi unikament fuq il-konvenut Paul Camilleri li wara li gie biex jaghmel manuvra assaj perikoluza fis-sens li kien ser jaghlaq il-'flow of traffic' fil-'lane' li minnha kien gej il-vittma fid-direzzjoni opposta, ghalkemm il-Qorti ma teskludix li verament il-konvenut xeghel l-'indicator' u waqaf sabiex jew stenna b'xi mod li tghaddi karozza ohra, **naqas milli jezercita' l-'proper look-out' mistennija minnu** billi ma rax il-mutur gej wara l-istess karozza li kien ghadu kif stenna tghaddi nonostante li t-triq hija ghad-dritt u suppost kellu jarah, kompla bil-manuvra tieghu li jaqsam il-'flow of traffic' minfejn kien gej il-vittma bir-rizultat li kienet il-manuvra tieghu li kienet il-kawza prossima u unika ghall-incident. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tqisx li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-vittma b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni.

**Kwantifikazzjoni tad-danni:**

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' intervenuta fil-kawza li ssostni li l-kawza saret intempestivament stante li skont hi kienu ghadhom ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet. Nonostante dan izda ma tressqu l-ebda provi dwar dan min-naha tal-istess socjeta' intervenuta. Min-naha l-ohra izda ma giex kontestat li ntbaghtu tliet ittri ufficcjali qabel ma gie prezentat ir-rikors guramentat (dettalji taghhom inghataw fl-istess rikors guramentat) tant li ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni, kif ukoll jirrizulta li l-kawza giet miftuha mill-anqas sentejn wara l-incident. Il-Qorti tqis li l-atturi ghamlu bizzejjed sforz u hallew bizzejjed zmien ghall-possibbli ftehim bejn il-partijiet qabel ma prezentaw il-kawza u ghaldaqstant ma tqisx li tali eccezzjoni hija fondata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Damnum Emergens:**

Illi dwar danni *Damnum Emergens* jirrizulta lil l-uniku danni pruvati huma l-ispejjez tal-funeral ammontanti ghas-somma ta' €1598.94 (ara xhieda ta' Joseph Attard a fol. 167) liema ammont mhux kontestat mill-konvenut u s-socjeta' intervenuta fil-kawza.

**Lucrum Cessans:**

Illi jirrizulta mis-sottomissjonijiet tal-partijiet li l-akbar kontestazzoni hija dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni. Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-konvenuti jinsistu fuq allokkazzjoni tal-htija tal-incident ghal zewg terzi fuq il-vittma, izda in vista tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti suesposti, ir-responsabbilta' kollha tal-incident giet dikjarata unikament tal-konvenut u ghaldaqstant ma hemm l-ebda allokkazzjoni ta' htija fuq il-vittma li ghandha tigi kalkolata b'dana li d-danni dovuti ma ghandhomx jigu mnaqqsa ghal din ir-raguni.

Ghal dik li hija rata ta' dizabilita', ma hemmx dubju li stante li l-vittma tilef hajtu allura ghandu jigi applikat il-persentagg ta' 100%.

Dwar l-ammont ta' paga li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni, il-partijiet ukoll ma jaqblux stante li l-atturi jsostnu li l-'allowances' li kien jircievi l-vittma bhala suldat ghandhom jittiehdu bhala parti mill-paga 'gross' filwaqt li l-konvenuti jsosntu li dawn ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni. Dwar dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Joseph Magri a fol. 109 et seq tal-process li huwa l-pagatur tal-Forzi Armati li spjega li 'allowances' msejha fissi la darba l-persuna tikkwalifika ghalihom allura dawn jibqghu jittiehdu filwaqt li 'allowances' ohra bhal dawk li huma xoghol fil-Hdud u l-Festi jistghu jvarjaw. In vista ta' dak li spjega Joseph Magri u d-dokumentazzjoni esebita l-Qorti tqis li bhala parti mill-paga 'gross' tal-vittma ghandhom jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni l-'allowances' fissi izda mhux dawk varjabbli. Skont id-dokument a fol. 114 tal-process il-paga bazika tal-vittma kienet €12,567.49 filwaqt li l-'allowances' fissi kienu jammontaw ghal €274.87, €279.52 u €838.57 fis-sena total ta' €1392.96. Jirrizulta ghalhekk li l-paga li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' kalkolu hija dik ta' €13960.45 fis-sena.

Jirrizulta mill-atti li l-atturi huma l-eredi tal-mejjet izda mhux neccessarjament dipendenti tieghu. Il-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom jidhlu wkoll fid-diskussjoni dwar jekk ghandhiex jitnaqqas persentagg mill-ammont dovut in vista ta' dan il-fatt u jaghmlu wkoll referenza ghall-gurisprudenza dwar dan il-punt. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi stess jikkoncedu tnaqqis ta' 25% filwaqt li l-konvenuti jippretendu li jitnaqqas persentagg ta' 50 %. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi li naqqsu persentagg ta' 25% ghar-raguni li rrizulta mill-affidavit tal-attrici Paula Grima (fol. 127), liema xhieda ma gietx kontestata, li ghalkemm verament l-attrici l-

ohra cioe' Rose Marie Haber ghalkemm eredi izda hija llum mizzewga u zgur ma tiddependix fuq il-vittma, Paula Grima kien ilha armla ghall-aktar minn hamsa u ghoxrin sena u l-vittma ghalkemm kellu tletin sena kien ghadu jirrisjedi maghha. Dan neccessarjament ifisser li l-vittma certament kien jikkontribwixxi b'xi mod ghall-ispejjez tal-hajja ta' kuljum ghalih u ghal ommu kif ukoll ghall-ispejjez tar-residenza. Dan jevidenzja lil din il-Qorti grad ta' dipendenza tal-omm fuq il-vittma. Ghalhekk il-persentagg li ghandu jitnaqqas minhabba l-grad ta' dipendenza ghandu jkun dak ta' 25% u mhux ta' 50% kif propost mill-konvenut u socjeta' interventua fil-kawza.

Bhala 'multiplier' l-atturi applikaw dak ta' 30 filwaqt li l-konvenuti applikaw dak ta' 27. Il-vittma kellu l-eta' ta' tletin sena fid-data tal-incident. Certament l-aspettattiva lavorattiva tieghu kienet sal-eta' ta' sittin sena jekk mhux aktar. Din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raguni valida ghalfejn il-konvenut jew ahjar is-socjeta' intervenuta applikat 'multiplier' ta' 27 sena filwaqt li taqbel mal-'multiplier' pjuttost mhux ambizzjuz da parti tal-atturi ta' 30 sena. Ghalhekk ghandu japplika 'multiplier' ta' 30.

Il-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom almenu jaqblu dwar il-persentagg li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-konsum personali tal-vittma u t-tnejn japplikaw dak ta' 25%. Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet u ser tapplika persentagg ta' 25%.

Dwar it-tnaqqis rizultat tal-hlas 'lump-sum' il-Qorti tenut kont li l-atturi taw cans sentejn shah qabel ma fethu l-kawza stante li *ex admissis* skont il-konvenut u l-intervenuta fil-kawza kienu ghaddejjin it-trattattivi u stante li din id-decizjoni qed tinghata seba' snin wara l-incident, taqbel mal-atturi li ghandu jitnaqqas il-persentagg ta' 10% u mhux 15% kif indikat mill-konvenut.

Decizi l-punti in kontestazzjoni bejn il-partijiet il-kalkolu tad-danni sofferti u pagabbli lill-eredi tal-vittma cioe' l-atturi huwa kif isegwi:

€13960.45 – paga tal-vittma

x

30 – snin ta' multiplier

x

75% - tnaqqis ta' 25% minhabba grad ta' dipendenza

x

75% - tnaqqis ta' 25 % minhabba l-konsum tal-vittma;

x

90% - tnaqqis ta' 10% lump sum

x

120% - zieda minhabba l-inflazzjoni (li bi zvista jidher li thalliet barra mill-atturi izda korrettement giet inkluza mill-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom.

B'dana li l-Qorti qed tasal ghall-figura totali u likwidazzjoni ta' danni ghas-somma ta' mitejn, erbgha u hamsin Elf, erba' mija u disgha u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€254,429.20).

Total ta' Damnum Emergens u Lucrum Cessans ghalhekk qed jigi likwidat ghas-somma ta' mitejn, sitta u hamsin Elf, tmienja u ghoxrin Euro u erbatax-il centezmu (€256,028.14).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant b'referenza ghall-atti kollha u in vista ta' dak kollu suespost u ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Paul Camilleri;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intervenuta ghajr ghat-tielet eccezzjoni li qed tigi milqugha biss fis-sens ta' kif hawn qed jigi deciz;

u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

3. Tiddikjara lill-konvenut Paul Camilleri responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, fis-27 ta' Awwissu 2009, u ghad-danni kollha li gew sofferti ;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta' dan l-incident tragiku li sewa l-mewt ta' Renzo Grima ghas-somma totali ta' mitejn, sitta u hamsin Elf, tmienja u ghoxrin Euro u erbatax-il centezmu (€256,028.14);

5. Tikkundanna lill-konvenut Paul Camilleri ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn, sitta u hamsin Elf, tmienja u ghoxrin Euro u erbatax-il centezmu (€256,028.14) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba fir-rikors guramentat.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur